

# LEPANTO 1571

Hekk kif jissemma Lepanto tfeġġ immedjatament - Is-Sinjura Marija tar-Rużarju Mqaddes.

1565 il-Qawwa Ottomana titlef l-Assedju ta' Malta nhar it-Twelid tal-Verġni Mbierka Marija.

1571 – Il-Qawwa Ottomana f'attentat biex taħtaf Ċipru minn idejn il-Venezjani. Din titqies bħala theddida għall-Ewropa Nisranija.

Tiġi ffurmata l-Lega Kattolika biex tikkumbatti dan l-attentat li kellu jseħħ fl-ibħra tal-Greċja.
Il-ġnus Ewropej jibgħatu l-qawwiet navali u s-suldati. Il-Papa San Piju V jħeġġeg biex isir talb qawwi permezz tar-Rużarju. Il-Qawwa Ottomana sa dak iż-żmien kienet l-aqwa. F'Lepanto din kienet l-istampa:

# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com

Ħarġa Nru 10

Galjuni: 206 tal-Lega Katt.
222 tal-Ottomani;
Galleazzi : 6 tal-Lega katt.
56 tal-Ottomani;
Suldati: 37,000 – tal-Lega katt.
25,000 tal-Ottomani

Il-Lega Kattolika kienet immexxija minn Don Juan tal-Awstrija li kellu biss 24 sena. Il-Battalja seħħet il-Ħadd 7 t'Ottubru, 1571. Il-Lega kienet bi żvantagg numeriku imma providenzjalment dar ir-riħ u ħadem favurha. Ir-rebħa kienet waħda kolossali.



Din hija l-istampa wara l-Battalja:
10,000 maqtula min-naħa tal-Lega:
20,000 mill-Ottomani;
13-il Galera mitlufa tal-Lega;
117 Galera, 20 Galljun u 50 Galljot u Galeri maqbuda tal-Ottomani;
12,000 ilsir nisrani meħlusin minn idejn l-Ottomani.

## Lepanto ta d-daqqa mortali lill-Flotta Ottomana li sa dak iż-żmien kienet insuperabbli

Dak in-nhar tas-7 ta' Ottubru, 1571 fil-Vatikan il-Papa kellu laqgħa mat-Teżorier tal-Istati Papali. Ma kienx jaf meta kellha sseħħ il-battalja. Ħin minnhom qam, mar lejn it-tieqa u qallu:

'Issa mhux ħin il-finanzi. Nirringrazzjaw lil Alla! – it-taqbida seħħet u r-rebħa hija tagħna!'

Nhar it-23 t'Ottubru, fl-irqad il-Papa kien imqajjem u mgħarraf li verament, kif kien imnebbaħ hu, ir-rebħa seħħet dak in-nhar tas-7 t'Ottubru u fil-ħin li qal.

Is-7 t'Ottubru ingħażel bħala Jum il-Madonna tal-Vitorja – aktar tard bħala l-Madonna tar-Rużarju Mqaddes.

Skrizjoni li s-Senat ta' Venezja kiteb taħt il-pittura tal-Battalja ta' Lepanto tgħid hekk:

**Mhux bil-qawwa tagħna jew tal-armi, lanqas tal-mexxejja imma l-Madonna tar-Rużarju kienet Dik li tatna r-Rebħa !**